# Firenze

Louis Briffa

**Eħlisni, ja ballista medjevali,**
**fil-beraħ lejn il-koppla ta' Filippu[1]**
**bl-impatt fi tmien wiżżiet tinbidel ruħi**
**bħal dawk li rajna jgħumu taħt il-mina.**

1

Għadira żejt ix-xemx taqbad fuq rasek
sa ssir biljun nofs tond tat-terrakotta[2]
biex tiksi kull ilqugħ u l-bjut ta' djarek.

2

'L uliedek fuq miżien xaqliebi wżinthom
u f'demmhom żfint bla qist l-iskandlu xieref
li żdiedlek mad-dnubiet arkana tiegħek.
Poeta li niżżilna f'qiegħ l-abbissi,
xjenzat li ħolom b'dinja ddur max-xemx...
bewwiġthom bla lissint lanqas tnehida.

---

1 Il-koppla ottagona tal-Katidral iddedikat lil Santa Maria Del Fiore li kienet ġiet iddisinjata minn Filippo Brunelleschi.

2 It-*tegole*, jew madum, li bihom huma miksija s-soqfa tal-bini f'Firenze.

3

Idea li tivvibra ta' żmien ieħor
iġanntu mal-preżent uliedek l-għarfa.
Bla detriment għalik li bnew u ġarrfu,
il-ħolm li nsew u ftakru. Bqajtli sbejħa.
Bla sint'mi ta' xjuħija. B'nifsek ħieles.
Bil-pjum tal-ilma jiffriskalek sidrek
u jħajjem kull turist bi żjajjar oħra.

4

Xbejbietek sbieħ fittixt fi djuq triqatek.
Imdendla sibthom fuq ħitan l-*Uffizi,*
fl-irħam skolpiti minn dirgħajn il-ġenji
ibewbu qalbhom lill-irġiel stranġieri.

5

In-nisa fjorentini skwilibrawni –
inbidlu fi djalett li m'għadnix nifhem,
f'romanza mingħajr seħer, f'parodija...

Illum tiffolla qalbhom wara l-lussu
u jiflu l-ifjen ħwejjeġ fil-vetrini.

Ġojjelli, ġlud u fwejjaħ għand *Manetti,*
*Louis Vuitton, Chopard, Cartier* u *Prada*
minn kull munita jixxuttawlhom bwiethom.

L-irmixk ta' soċjetà kważi korrotta
f'kafetterija sieq fuq sieq jintasbu
u jiflu f'kull mar'oħra lbies iż-żina.
Ix-xita traxxax barra jixtiquha
tinbidel f'ewro faċli għal xawwathom.
Jikkuntemplaw f'tal-ħajmak id-damdima
lil ġbinhom b'għerqu jwaħħal bejn saqajhom.

6

Virtwali ħolm in-nisa tat-Toskana
li forsi għad nikklonizzahom f'xi strofa
għal meta nobloq u nkun skjav ġo dari.

7

Kif qatt ma jikkwotawli stanza sħiħa
jew vers imqar mill-kanti t'ibnek Dante
iż-żgħażagħ sbieħ li jinnamraw fil-beraħ?

Poeta kien b'messaġġ kważi reali,
b'appell jassorbi l-marċa mill-ferita
ta' min qatagħha li jiżbanka jiemu
fil-ħwienet elużivi tal-imħabba
għal mara li teżisti biss fil-ħrejjef,
fl-abbissi tempestużi ta' kull raġel
li jibqa' sa ma jmut irid jiskopri.

8

Lil ebda boss mafjuż, lil ebda ġifa...
Lil ebda ċarlatan, ċuċ, poetastru
ma tajt il-ġieħ bi plakka fuq ħitanek
bit-traċċi ta' għargħar li baqa' mfakkar
f'ritratti kbar mal-*fiume* li jwissina
bi lsien il-gawwi, it-tiġieġ tal-ilma.

9

Rinaxximent spumanti fl-għoli refgħek
biex sirt sultana, dama tal-poeti,
nabbara tal-pitturi, tentatriċi
għal min forsi t-tamboċċ impenetrabbli
ta' moħħu b'satal dawl ried darba jaħsel.

10

Aridit判 tremenda din li tonfoħ
vjolenti biex tqaxqaxli mill-memorja
l-immaġni ħelwa tiegħek, andulanti...

Manutenzjoni u mhix minn min jiggverna
il-moffa ma kerrhitx irħamek abjad,
u 'l sidrek ma mblukkawx id-dħaħen densi
li sarmu bliet oħrajn b'ażżma qattiela.

11

L-imdiebaħ kollha dmija ta' qawmienek
iqanqlu ġnus f'dominji skreditati
għalik li, bħali, lill-ħaddiema stmajthom,
u fdajt f'dirgħajhom muskolati ġismek
biex jattrezzawh bil-ġmiel u jtuk xejr'oħra.

Bla serħ fissirt tqanqil il-qalb umana
bi kliem li ma ssibux fil-poeżija.

Iffomentajt il-ġrieħi tal-pjaneta,
bħal tfajla b'vokazzjoni t'infermiera.

12

Int belt u belt m'intix: irrid inbusek
bil-lajma tal-imwieġ ikemmxu l-*Arno*
u ż-żelu tal-kasturi jibnu l-bejta.

Metropoli m'int lanqas. U allaħares
bl-attività tal-*mother boards* perfetti,
b'ċirkwiti mixgħulin bl-informazzjoni –
għax hekk nimmaġinahom l-ibliet moderni!

Tikkmanda l-arti fik u mingħajr skossi
teħlisha kif taf int biex tkun għal dejjem.

13

Mil-lotta teżentax lil min iħobbok
u 'l min bil-ħsieb jissara mal-għefiered
li riedu d-dlam għalik ta' bliet dalmija.

Tellief ma nabdikax u nibqa' nħobbok –
għax int turment, ħannieqa gdim ta' mħabba,
ta' seba' mitt sen'arti l-mikrokożmu,
benniena tal-artisti l-kbar, Firenze.

14

Taħt *Ponte Vecchio* l-qamar xwejjaħ tiegħek
u l-*fiume* nieżel griż bħall-illużjoni
ta' min ġie hawn biex joħlom bik u jikteb
u safa' mbikkem bl-opri saħħarija
li sawru Mikelanġ u Leonardo.

15

Jillitikaw dwar Prodi u Berlusconi,
x'kien messu sar u tħalla fuq l-ixkaffa,
l-impatt tal-ewro fuq in-negozjanti
u l-fqar, in-nies tax-xogħol u l-benestanti...
l-irġiel fir-ristorant man-nisa tagħhom
u tiegħi, awl il-lejl tas-sena l-ġdida.

U marti wkoll mhix marti fl-atmosfera,
u dan mhux demm li nħoss ibaqbaq fija –
dan kjanti li jitlifni minn sensija
kif f'sidrek mimli nogħdos bla mistħija
u nqatta' l-*peccorino* mxappap fl-għasel,
ħanżir selvaġġ, *bistecca fiorentina,*
fażola bajda tfuħ fiż-żejt u s-salvja,
u l-bqija...

Inħabbtu t-tazzi llejla sa ma niskru.
Niċċelebraw il-ġenju tal-artisti –
dir-rebħa mingħajr sforz fuq il-materja!

16

La xtaqt xi jfakkrek fija, qabel nitlaq,
b'sempliċità ta' tifel ħsiebi nrambel
u nitbqu fi flixkun, nerħih jitbandal
fi ħdanek l-*Arno* frisk. Fl-*Arno* ġentili
nintelaq jien ukoll b'sens t'eroiżmu
sabiex mal-ħut u l-borok niddisputa
il-versi li sas-sebħ kont ħlift li ndommlok.